taw jimxu fil-kors ta' l-istudji letterarji tagħhom bla ma jieqfu u bla ma jitnikkru, it-tagħlim tal-Isien malti għandu jibda minn kmieni, u jkun gradwat, imtarraġ, kif isir dak ta' ilsna oħra.

Jeħtieġ, l-ewwelnett, illi t-tagħlim tal-Malti jsir fl-*iskejjel kollha*, sewwa f'dawk li huma tal-Gvern u sewwa f'dawk li huma mmexxijin minn awtoritajiet oħra, kemm-il darba hemm, jew jista' jkun hemm, fihom min ikun irid jagħti xi eżami li minnu tiddependi b'xi mod il-karriera tiegħu.

Jeħtieġ ukoll illi kemm jista' jkun dan it-tagħlim isir bla ma jaqta'. It-tagħlim jixbah ħafna lit-tlugħ ta' taraġ, iżda mhux f'kollox. Min jitla', ngħidu aħna tliet tarġiet u jieqaf għal xi żmien, jista' meta jrid jissokta t-telgħa tat-taraġ u ma jkun tilef xejn mill-għoli: iżda waqfa fit-taraġ tat-tagħlim tfisser inżul; għaliex min jagħmel tliet snin jitgħallem u jieqaf, ngħidu aħna, għal xi sentejn jew tlieta, meta jkun irid jarġa' jaqbad, aktarx isib ruħu mill-ġdid fl-ewwel tarġa għax ikun nesa, jekk mhux kollox, il-biċċa l-kbira minn dak li jkun itgħallem.

Jeħtieġ iżjed illi min jgħallem il-Malti, ikun hu n-nifsu jaf il-Malti sewwa, jifhem in-nisġa tiegħu, iħoss il-ġmiel tiegħu u jkun iħobbu, għaliex f'kull għamil tal-bniedem l-imħabba biss taf tirnexxi. U jkun dmir tas-Surmastrijiet jibdew minn kmieni jfiehmu lill-istudenti tagħhom illi l-Malti huwa l-Isien tagħna u tagħna biss, għaliex il-Isien huwa ħolqien tal-ġens fix-xejriet kollha tiegħu, fid-drawwiet tiegħu, fl-istorja tiegħu, u li aħna ma għandna ebda Isien ieħor li hu tagħna; biex hekk inisslu fihom dik il-għożża li tixraq lill-ħaġa li hi ta' ġensna, li hi biċċa kbira minn ħajjitna. Juruhom il-ġmiel tiegħu, is-siwi tiegħu għal dak li hu tiswir tal-karattru nazzjonali; u biex iwettqu fihom dawn il-fehmiet, jibdew minn kmieni imexxuhom kull sena xi pass 'il quddiem fil-ġonna tal-letteratura maltija. Ikun dan it-taraġ fit-tagħlim tal-Malti li jwassal mingħajr tbatija u fid-dawl ta' tama sabiħa liż-żgħażagħ tagħna fuq dik il-quċċata tat-tagħlim fejn ikun jistennihom xi eżami li miegħu għandha mnejn tkun marbuta x-xorti, tajba jew ħażina, fin-nisġa tal-ħajja tagħhom tad-dar u tal-pajjiż.

# ĦAJR U TALB

(SUNETT GĦAL-LUM)

Mulejja, niżżik ħajr mill-qalb li tajtni
Mixgħula bin-nirien tal-poeżija,
Mill-ilħna moħbijin li Int semmajtni
Fis-siegħa tat-tiġrib u tal-moħqrija:

Għax jekk bil-Fehma 'l fuq mill-kotra rfajtni
Ta' ħlejjaq oħra w jien għaraft kemm hija
Kbira setegħtek, b'xejrt-il-qalb tellajtni
Sa fejn ta' Mħabbtek qatt ma tmut id-dija.

U jiena rajt, Mulej, b'kemm għajb jittabba
Il-Għerf tal-bniedem, jekk ma jkunx imwieżen
Mill-Kelma tajba li taf tgħid l-Imħabba.

Mulejja niżżik ħajr; iżda fil-ħniena
Tiegħek li t-tajjeb mal-ħażin taf twieżen,
Tħallix li t-Tjieba tmut taħt rifs il-Ħjiena.

DUN KARM.

23/V/40

# LONDRA

Żomm sħiħ u qawwi f'din il-glieda kbira,
La tibza' xejn mill-qilla ta' l-egħdewwa.
Int ma titlifx. Int ma taqax ilsira.
Rebbieħa toħroġ għax ħabbejt is-Sewwa.
Imma fil-jum tar-rebħa la tinsiex li mejta
Jinsabu wliedek, l-ogħna ħajja tiegħek....
Fl-imgħoddi saħħa w ħila d-dinja wrejtha,
Uriha l-lum li ħadd ma jilħaq miegħek.
Hemm id-demm safi t'ommijiet bla ħtija,
Ta' tfal li mietu, ġo darhom miġbura:
Imma ġo ruħek Qawwa żżid id-dmija
Li qed ixerrdu dawn l-egħdewwa għajjura.

Tibżax! la taqtax qalbek: qatt titħalla
Tonqsok ir-rieda. Hemm fuq kollox Alla.

ĠUŻÈ CHETCUTI.

20/IX/40